**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 11 TA' DICEMBRU 2001**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 1292/01 AE**

**Pater Finance Co Ltd**

**vs**

**Karistu Baldacchino u martu Carmen Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u sebghin lira Maltija (Lm570) import ta' ghaxar kambjali li mmatura minn Dicembru 2000 sa Settembru 2001.

Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Novembru 2001 u li permezz tieghu l-avukat Sharon Fenech ghan-nom tas-socjeta attrici ddikjarat li s-sorte kien thallas pero’ kien ghad fadal x’jithallsu l-ispejjez legali.

Ra li l-konvenuti ghalkemm notifikati bl-avviz tat-talba baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru fis-seduti.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tas-somma ta’ hames mija u sebghin lira Maltija (Lm570), qieghed jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kollha.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**